MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2014

Appell Kriminali Numru. 510/2013

Il-Pulizija

[Spettur Robert Vella]

Vs

Andrew Pace

Illum, 04 ta' Dicembru, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Andrew Pace, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 305891M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fl-4 ta' Dicembru 2010 ghall-habta tat-03.00 ta' filghodu gewwa dawn il-Gzejjer waqt li kien qieghed isuq/kien fil-pussess ta' vettura tal-ghamla Ford Fiesta bin-numru ta' registrazzjoni DRW 018:

1. b′nuqqas ta′ hsieb, bi traskuragni jew b′nuqqas ta′ hila fl-arti jew professjoni jew bin-nuqqas ta′ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament kkaguna griehi ta′ natura gravi fuq il-persuna ta′ Ann Marie Gauci hekk kif certifikat minn Dr. A. Mercieca MD (Reg. No. 3279) mill-Isptar Mater Dei u diversi tobba ohra;

2. b′nuqqas ta′ hsieb, bi traskuragni jew b′nuqqas ta′ hila fl-arti jew professjoni jew b′nuqqas ta′ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament habat ma′ vettura tal-ghamla Fiat Uno bin-numru ta′ registrazzjoni JAH 925 u kkaguna hsara ghad-dannu ta′ Ann Marie Gauci u/jew ta′ persuni ohra;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura tal-ghamla Ford Fiesta bin-numru ta′ registrazzjoni DRW 018, bi traskuragni u/jew b′mod perikoluz u bla kont.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f′kaz ta′ htija tiskwalifika lill-Andrew Pace milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal dak it-tul ta′ zmien li jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta′ Gudikatura Kriminali, mghotija fit-18 ta′ Novembru, 2013, fejn il-Qorti fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni, illiberaT lill-imputat minn sewqan b′mod perikoluz u bla kont, wara li rat Artikoli 226 u 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta u kif ukoll Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta′ Malta, sabet lill-imputat Andrew Pace hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni (fejn issir riferenza ghal sewqan bi traskuragni biss), u tikkundannatu multa komplessiva ta′ tlett elef Euro (€ 3, 000).

B′applikazzjoni ta′ Artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta′ Malta, il-Qorti laqghet it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat Andrew Pace jigi skwalifikat mil-licenzja tieghu tas-sewqan u, wara li hasbet fit-tul kemm ghandu jkun il-perijodu ta′ tali skwalifika, tiddeciedi li dan ghandu jkun dak ta′ erba′ (4) gimghat li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl u minuta ta′ ghada.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Andrew Pace, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-27 ta' Novembru, 2013, fejn talab lil din il-Qorti tirriforma, tvarja u tibiddel is-sentenza appellata u dan billi filwaqt li tikkonferma dawk il-partijiet tas-sentenza appellata fil-parti fejn issib lill-esponent mhux hati ta' sewqan b'mod perikoluz u bla kont, thassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza li fiha l-esponent instab hati tal-ewwel, tat-tieni u tat-tielet akkuzi dedotti kontrih (fejn issir riferenza ghal-sewqan bi traskuragni biss) u kkundannatu jhallas multa fl-ammont komplessiv ta' tlett elef ewro (€3,000) u skwalifikatu mill-licenzja teighu tas-sewqan ghal-perjodu ta' erba' gimghat u konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena jew, alternattivament, tvarjha in kwantu tikkoncerna r-responsabbilita' tal-akkadut u piena.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Fliet l-atti kollha.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

L-ewwel aggravju – Inferenza ta' htija mis-skiet tal-esponent:

7. Fis-sentenza taghha hawn appellata, ghalkemm il-Qorti tal-Prim' Istanza tinnota illi "l-imputat ma tax ix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, kif kellu dritt li jaghmel stante li dawn huma proceduri kriminali... l-imputat ghazel li ma jwegibx ghal maggior parti tad-domandi li sarulu" xorta tistqarr illi "jirrizulta li fid-decizjoni kwotata, l-imputat kien xehed quddiem l-Ewwel Qorti (u b'hekk kemm il-Qorti ta' Prim' istanza u kif ukoll il-Qorti tal-Appell setghu jevalwaw id-depozizzjoni tieghu, mentri fil-kawza odjerna l-imputat ma xehedx u ghaldaqstant il-Qorti kellha tibbaza ruhha fuq il-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni). Minn qari ta' dan il-bran jidher ghalhekk illi l-Ewwel Qorti gibdet inferenza mill-iskiet tal-esponent, liema inferenza tmur kontra id-dritt sagrosant ta' kull imputat fil-kors ta' proceduri kriminali istitwiti kontra tieghu u dan kif ser jirrizulta ampjament hawn taht;

8. Di fatti, l-artikolu 39(11) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jissenjala illi l-ebda persuna li tghaddi proceduri ghall-reat kriminali ma ghandha tkun obbligata li tixhed fi proceduri kontra taghha;

9. Dwar dan id-dritt tas-silenzju, kif inhu maghruf, l-esponent jirreferi ghal dak li nghad minn din l-Onorabbli Qorti fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Ellul deciza fis-17 ta' Marzu, 2005, fejn inghad:

> ".. meta akkuzat, waqt li jkun qed jigi interrogat mill-pulizija, jaghzel li ma jwegibx ghall-mistoqsijiet li jsirulu, jew ghal xi mistoqsija wahda jew izjed, ebda inferenza ta' htija ma' tista' tingibed mis-semplici fatt ta' dak is-silenzju, u dan ghar-raguni li l-ezercizzju ta' dritt li sal-llum ghadu ma gie bl-ebda mod kwalifikat (f'dan il-kaz id-dritt li ma jwegibx, kif normalment ikun gie infurmat propju bil-ghoti tal-"caution") ma jistax jissarraf fi pregudizzju ghal dak li jkun";

10. Din il-pozizzjoni giet konfermata fis-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fil-kawza fl-ismijiet Godfrey Ellul vs Avukat Generali, deciza fis-16 ta' Mejju, 2006, fejn inghad testwalment illi "id-dritt tas-silenzju, kif inhu sallum salvagwardjat fil-ligi, huwa wiehed assolut u hadd ma jista' jigi mgieghel jinkrimina lilu nnifsu. Apparti minn hekk, jekk dak li jkun jipprevalixxi ruhu minn dak id-dritt tas-silenzju, ma jistax imbghad, jekk jittiehdu xi proceduri kontih, jintuza kotnrih." Bl-istess mod, il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tat-3 ta' Novembru, 2006 ikkonfermat illi "fil-ligi taghna, id-dritt tas-silenzju mhux mittiefes.. illi jekk xi hadd ghandu dritt ma jwegibx, hazin li tibged xi inferenza jew tistenna minghandu jghid ghala dakinhar ma wegibx";

11. Inoltre, fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur A. Farrugia) vs. Carmelo Falzon u Emanuel Falzon, deciza minn din l-Onorabbli Qorti fis-7 ta' Mejju, 2007, inghad illi "... skond il-prassi u l-gurisprudenza applikabbli sal-llum ma ghandha u ma tista' tingibed ebda inferenza ta' htija mis-silenzju tal-persuna suspettata waqt l-interrogatorju la darba din ghandha mhux biss id-dritt li tibqa' siekta izda tigi ukoll normalment informata b'dan id-dritt fil-bidu tal-interrogatorju bis-"solita twissija";

12. Ghalhekk, in vista tal-permess, m'hemmx dubbju illi ebda Qorti ma tista' tigbed inferenza ta' htija mis-silenzju totali jew parzjali tal-imputat kemm fil-kors tal-interrogatorju tieghu mill-Pulizja kif ukoll waqt il-perkors ta' proceduri kriminali istitwiti kontra l-istess;

13. Illi l-esponent jaghmel refereza ukoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-27 ta' Gunju, 2002 fl-ismijiet Francis John Butler vs. The United Kingdom citata fis-sentenza nostrana fl-ismijiet Il-Pulizija vs Ellul Sullivan et fejn il-Qorti ikkunsidrat illi ".. in criminal proceedings against the accused, it is not incompatible with the requirements of a fair trial to shift the burden of proof to the defence.. nor is the fairness of a trial vitiated on account of the prosecution's reliance on presumptions of fact or law which operate to the detriment fo the accused, provided such presumptions are confined within reasonable limits which take into account the importance of what is at stake and maintaint the rights of the defence".

14. Fic-cirkostanzi odjerni, jirrizulta illi l-esponent kien iffirma dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd tal-parir legali (Dok RV1 a fol. 12 tal-process) u kien irrilaxxa stqarrija (Dok. RV2 a fol. 13 tal-process) fejn kien ghamel uzu mid-dritt tieghu illi jibqa' sieket. Bl-istess mod, l-esponent ghazel illi ma jixhidx fil-proceduri odjerni. Ghaldaqstant, kif innutat ben tajjeb l-Ewwel Qorti, l-unika verzjoni tal-fatti li tah l-istess esponent kienet dik a tempo vergine li tinstab a fol. 22 tal-process.

15. Izda, meta l-Qorti ta' Prim' Istanza ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha rigward id-dinamika tal-incident, ghal xi raguni, ghazlet li tinjora ghal kollox din il-verzjoni (kif ukoll provi ohra, fosthom id-depozizzjoni tal-ufficjal illi investiga l-incident de quo, u cioe' is-Surgent 426 Anthony Portelli) u minflok strahet esklussivament fuq il-verzjoni moghtija mill-parte civile Ann Marie Gauci ghaliex "kellha tibbaza ruhha fuq il-provi mressqa mill-prosekuzzjoni.. stante li l-imputat ma xehedx";

16. Ghalhekk, l-inferenza mis-skiet tal-esponent tirrizulta ampjament fil-hsieb tal-Ewwel Qorti tant illi l-istess ghaddiet sabiex tirrikostruwixxi d-dinamika tal-incident unikament a bazi ta' dak li gie allegat mill-parte civile. Tant hu hekk li, f'pagina 8

tas-sentenza appellata, l-istess Qorti donnu qed timplika illi d-decizjoni taghha setghet tkun differenti li keiku xehed l-esponent;

17. Illi inoltre, b'referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Francis John Butler vs The United Kingdom surriferita, anke li kieku – ghall-grazzja tal-argument – setghu isiru tali inferenzi fil-kaz odjern, qajla jista' wiehed jghid illi l-inferenzi li saru kellu within reasonable limits u li jiehdu akkont il-konsegwenzi taghhom. Bir-rispett, il-Qorti tal-Prim' Istanza tindika illi adduciet l-htija fuq l-esponent ghaliex hu naqas milli jaghti l-verzjoni tieghu u ghalhekk kellha tistrieh fuq il-provi kif mressqa mill-Prosekuzzjoni. Dan certament ma jistax jinghad illi jinkwadra ruhu bhala within reasonable limits tenut kont tal-enfazi li tat l-ewwel Qorti ghal dan il-fattur;

18. Ghaldaqstant, in vista ta' dak appena premess, fl-umli fehma tal-esponent, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt tinferixxi l-htija tal-imputat mill-fatt illi huwa ghazel illi ma jghatix id-deposizzjoni tieghu; dan anke fid-dawl tal-grad ta' prova rikjesta fil-proceduri odjerni fejn kull dubbju ghandu jiffavurixxi lill-imputat.

It-tieni aggraavju – In-nuqqas ta' responsabbilita tal-esponent Andrew Pace ghall-incident de quo

19. Illi fit-tieni lok, fil-fehma umli tal-esponent, l-Ewwel Qorti ma setghatx issib htija fil-konfront tieghu a bazi tal-provi migjuba quddiemha, u dan ghar-ragunijiet li ser isegwu;

20. Illi fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Noel Ellul, din il-Qorti kienet tal-fehma li f'materja ta' incident stradali, il-provi indizjarji hafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistghu anki jkunu siewja ferma aktar minn dawk okulari li xi kultant u, x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b'dak li jissejjah l-esprit de voiture. L-istess Qorti stqarret illi tali provi indizjarji jistghu facilment jaghtu stampa cara u aktar oggettiva tad-dinamika tal-incident;

21. F'dan ir-rigward, l-esponent jaghmel referenza ghall-verzjoni minnu moghtija lill-ufficjal investigattiv a tempo vergine. F'din il-verzjoni, l-esponent jghid verbatim illi: "kont niezel tul Telgha tas-Saqqajja, Mdina, direzzjoni Valletta. Rajt vettura li

invadiet parti mill-korsija tieghi. Jiena ghafast il-break ghax tajtha gejja ghal-fuqi. Imbghad peress li hsadt il-break ma stajtx nikkontrolla l-vettura peress li skidjatli".

22. Illi tali verzjoni hija korroborata oggettivament mill-posizzjoni ta' fejn instab id-depris fit-triq wara dan l-iskontru li jindika l-ispot of impact bejn il-vetturi koinvoluti. Di fatti, fl-iskizz redatt mill-ufficjal investigattiv (esebit bhala Dok. AP2 a fol. 26 tal-process) jidher kjarament illi d-debris huwa posizzjonat fin-nofs tat-triq bejn iz-zewg karreggjati;

23. Dan jfisser illi l-impatt sehh fin-nofs tat-triq jew, kif inhu maghruf ahjar, on the crow of the road, kif del resto sar accenn mill-Qorti ta' Prim Istanza stess meta nghad illi "dan l-istat ta' fatt (illi d-debris gie indikat f'nofs it-triq) per se jista' iwassal ghal konkluzjoni li effettivament iz-zewg vetturi kienu qedghin jinsstaqu lejn nofs it-triq". Bl-istess mod, l-ufficjal investigattiv stess is-Surgent 426 Anthony Portelli stqarr illi "l-impatt sehh fin-nofs tat-triq ghax vettura niezla minn-naha tar-Rabat u ohra tiela' min-naha tal-Belt Vallett u qisu l-impatt sar bejn wiehed u iehor f'nofs ta' triq" u mhux kif ikkonkludiet l-Ewwel Qorti illi l-impatt sehh fil-karregjata li fiha kienet qed issuq il-parte civile Ann Marie Gauci. Anke jekk, ghal grazja tal-argument, wiehed kellu joqghod fuq id-dinamika tal-incident kif rikostitwita mill-Ewwel Qorti, u cioe' illi l-esponent kien traversa ghal kollox il-karregjata mid-direzzjoni opposta, wiehed kien jistenna illi jsib illi l-imsemmi debris kellu jinstab fil-karreggjata li kienet gejja minnha l-parte civile Ann Marie Gauci u mhux imferrex fin-nofs tat-triq bejn iz-zewg karreggati kif fil-fatt irrizulta;

24. Id-debris jaghti indikazzjoni cara u oggettiva tal-ispot of impact, independentement mic-cirkostanzi li sabu fihom s-sewwieqa in the agony of the collision. Il-fatt illi d-debris instab fin-nofs ta' triq ifisser indubbjament illi huwa impossiblki illi l-esponent kien qed isuq fuq il-karreggjata opposta, kif del resto gie allegat mill-parte civile;

25. Bhal ma inghad minn din l-Onorabbli Qorti fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Anthony Galea, il-fatt illi sewwieq kien isuq minflok fuq ix-xellug tat-triq kif iridu r-regolamenti, izda fuq il-crown of the road, ma hux deciziv ghas-soluzzjoni tal-

kwestjoni ta' liema sewwieq kien fi htija ghat-tamponament li jsehh. Lanqas sewwieq li jkun qed isuq fuq in-naha l-hazina tat-triq ma hu necessarjament responsabbli ghal-kollizjoni jekk l-agir tieghu ma jkunx ta' lok ghal-kollizjoni;

26. Illi kif gie ritenut fl-appell kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Emmanuele Grixti ghandu jigi ezaminat x'kienet il-kawza prossima tal-habta u sabiex ikun hemm responsabbilita' ghal-kollizjoni jinhtieg li jkun hemm nexus fis-sens li l-vjolazzjoni tkun kawza prossima tal-kollizjoni. Il-vjolazzjoni tar-regolamenti stradali ghandhom indubbjament l-importanza taghhom imma ma humiex bizzejjed biex jistabilixxu l-hijta tal-kollizjoni.

27. Illi inoltre, hekk kif gie ritenut fl-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs George Vigo "meta jkun difficli, jekk mhux impossibbli, li jigi accertat min minnhom [ie. Miz-zewg drivers] kien il-kawza prossima tal-kollizjoni, il-Qorti ma tistax tinklina lejn banda jew ohra w titfa' r-responsabbilita' fuq driver jew iehor".

28. Tenut kont ta' dak appena premess, huwa inkomprensibbli kif l-Ewwel Qorti setghet tikkonkludi illi "il-verzjoni moghtija minn Gauci [u cioe' li l-vettura misjuqa mill-esponent kienet qed tinstaq fuq in-naha hazina tat-triq u ghalhekk invadiet komplament il-korsija taghha] jirrizulta li ghandha mis-sewwa u li l-verzjoni taghha tista' ttiehed bhala kredibbli u bhala wahda veritjeira." Ghal kuntrarju, jirrizulta ampjament illi l-kawza prossima ta' dan l-iskontru kienet il-posizzjoni nkonsultata tal-parti leza meta kienet hi stess illi invadiet parti mill-karregjata tal-esponent;

29. Inotre, l-ewwel Qorti tirrimarka ukoll illi l-impatt kien wiehed qawwi; deduzzjoni li l-istess taghmel ghal-bazi tal-griehi sofferti mill-parti leza kif ukoll mill-posizzjoni taz-zewg vetturi wara l-habta. Bid-dovut rispett, filwaqt illi dan il-fatt mhux qed jigi kontesta, lanqas m'ghandu dan jsarraf f'sewqan traskurat min-naha tal-esponent. Ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, partikolarment il-fatt li t-triq kienet imxarrba, b'xi mod jew iehor ghandhom effett fuq is-sahha tal-impatt kif del resto gie rikonoxxjut mill-istess Qorti;

30. Ghaldaqstant, in vista ta' dak kollu fuq premess, l-esponent umilment jissottometti li l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tasal ghal-konkluzjoni illi l-incident in

kwistjoni sehh unikament rizultat tal-manuvra inkawta tal-parte civile stess u mhux kagun ta' xi sewqan traskurat min-naha tieghu.

It-Tielet Aggravju – l-element kontributorju tal-parte civile ghall-incident de quo

31. Illi in subsidium u minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg aggravji, anke jekk kellu jirrizulta xi element ta' htija min-naha tal-esponent, ghandu jirrizulta manifestament li l-kondotta tal-parte civile Ann Marie Gauci kienet ta' certu portata u wahda determinanit fiha innifisha li kkontribwiet ghall-akkadut. Illi ghalhekk, dejjem jekk din l-Onorabbli Qorti ssib kolpevolezza fil-kondotta tal-esponent, jigi umilment sottomess li tali agir ma kienx l-uniku tip ta' agir li unikament a bazi tieghu sehh l-incident de quo, izda kien hemm ukoll il-kontribuzzjoni qawwija tal-kondotta tal-imsemmija Ann Marie Gauci.

32. Illi d-dottrina applikabbli f'kazijiet fejn l-ispot of impact tinsab on the crown of the road kienet giet studjata f'certu dettall mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet Edgar Zahra vs Carmelo Vassallo deciza fil-5 ta' April, 1971. F'din is-sentenza, il-Qorti qalet hekk:

"M'hemmx kwistjoni li din id-dottrina gie importata fil-gurisprudenza taghna mill-gurisprudenza Ingliza, li ghaliha f'materja ta' principji jew regoli ohra, il-Qrati taghna frekwentement jirrikorru utilment. Rigward din il-massima tar-"res ispa loquitur" jidher.. minn diversi sentenzi ohra.. li giet bosta drabi invokata u applikata hlief fil-kawzi civili dwar danni bbazata fuq "negligence". Ghad illi f'materja ta' provi f'kawzi kriminali, hemm xi haga li tista' tixbaha, f'dawk li jissejhu prezunzjonijiet ta' fatt [eg. Dak tal-pussess recenti ta' hwejjeg misruqa] il-masima "res ipsa loquitur", bhala tali, il-Qrati ma sabitha mkien applikata f'kawzi kriminali, u r-raguni ta' dan naturalment hija illi l-principju illi jiddomina fi proceduri kriminali huwa illi bhala regola generali fondamentali, il-piz tal-prova bla dubju ragjonevoli hu mixhut fuq il-prosekuzzjoni u, salvi dispozizzjonijiet espressi ta' ligi, jew regoli gurisprudenzjali eccezjonalissim li jiddisponu xort' ohra, ebda oneru ta' prova jew htiejga ta' spjegazzjoni m'huma mixhutin fuq l-akkuzat jew imputat."

33. Illi fil-kawza fl-ismijiet Arrigo vs Laferla intqal illi l-kwistjoni jekk kienx hemm contributory negligence miz-zewg nahhiet ma tistax tigi deciza fuq supposti principji aprioristici jew regoli legali fissi, izda skond principji ta' sens komun jew as a jury would probably deal with it. Ghal illi bla dubju, meta tista' tingibed linja cara ta' demarkazzjoni, in-negligenza posterjuri hi l-unika wahda li ghandha tigi kkunsidrata, there are cases in which the two acts come so closely together, and the second act of negligence is so much mixed up with the state of things brought about by the first act, that the party secondly negligent, while not held free from blame.. might, on the other hand invoke the prior negligence as being part of the cause of the collision so as to make it a case of contribution;

34. Ghaldaqstant, kif diga inghad, l-ezami li kellu jsir mill-Qorti tal-Prim' Istanza kien illi jigi determinat x'kienet il-kawza prossima li wasslet ghal dan l-incident. Mill-assjem tal-provi, partikolarment l-iskizz redatt dwar it-tamponament odjern, huwa lampantement ovvju li l-causa causans li tat lok ghas-sinistru ma kienx il-fatt illi l-esponent invada ghal-kollox il-karreggjata tat-traffiku li kien gej mid-direzzjoni opposta, izda pjuttost illi s-sewqan skonsiderat tal-parte civile illi hasad ghal kollox l-esponent;

35. Fil-kaz odjern, mill-posizzjoni ta' fejn instab id-debris fin-nofs tat-triq, jidher illi minflok kienet fuq il-karreggjata taghha, bhal ma qed tipprova tallega l-parte civile, hija kienet traversat parti mill-karreggjata tal-esponent. Inoltre, l-istess parte civile ammettiet ukoll illi l-unika azzjoni evaziva li hadet, hekk kif rat il-karozza tal-esponent gejja faccata taghha, kienet illi tikser ghal fuq il-lemin. Hi fl-ebda hin ma applikat il-break jew genbet lejn in-naha tax-xellug bhalma wiehed kien jippretendi li kellha taghmel;

36. Illi inoltre, Gauci tghid illi rat biss il-fanali tal-vettura misjuqa mill-esponent gej ghal-fuqha, mentri dana kien ilu jsuq ghat-tul kollu tat-triq fuq l-istess karregjata. Kif gie ritenut mill-Qrati taghna, hu dover ta' driver to see what's in plain view, u li min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm a proper look out. Bl-istess mod, hekk kif gie senjalat fil-kawza fl-ismijiet Newhaus vs Bastion Insurance Co. Ltd [1968] keeping a proper look-out means more than looking

straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. Tali nuqqasijiet jammontaw ghal "recklessness" fis-sewqan tal-parte civile stess;

37. Wiehed irid izomm ukoll quddiem ghajnejh il-fatt illi t-triq in kwistjoni mhux xi sqaq go xi rahal, imma triq arterjali pjuttost wiesgha u li, fuq kull naha, kemm wita' ta' hamrija qabel ma wiehed isib il-hajt tas-sejjieh. Il-parte civile tghid ukoll illi dak il-hin bhala traffiku ma kien hemm xejn. Gauci tghid illi s-sigar fuq in-naha tax-xellug taghha kienu madwar metru l-boghold. Pero' bid-dovut rispett, din hija allegazzjoni li difficilment tinkwadra ruha fl-assjem tal-provi prodotti f'din il-kawza. Li kieku verament is-sigar kienu biss metru l-boghod mill-karozza taghha, mela zgur illi d-debris ma kienx ser jinstab fin-nofs ta' triq bejn iz-zewg karreggjati izda fuq il-karreggjata li tghati lejn ir-Rabat. Illi inoltre, s-sigar m'humiex imhawla ezatt mal-genb tat-triq imma huma pjuttost imdahhlin il-gewwa, tant illi biex il-vettura ta' Gauci setghet tkun biss metru l-boghod mis-sigar fil-mument tal-impatt, zgur illi l-vetturi ma kienux ser jispiccaw kif fil-fatt spiccaw, fejn id-danni subiti fil-vetturi ko-involuti kienu ikunu frontali u mhux fil-gnub.

38. Barra minn hekk, huwa difficli li wiehed jifhem ir-raguni ghala l-parte civile ddecidiet li minflok tapplika l-break jew iggenneb kemm tista' lejn ix-xellug biex tevita s-sinistru, taghmel manuvra daqstant skabruza u skonsiderata u cioe' li tikser lejn il-lemin. Ghaldaqstant, m'ghandux ikun hemm dubbju illi Gauci invadiet l-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta, bil-konsegwenza illi l-esponent inhasad, ghafas il-break, u ghalkemm irnexxilu jevita head on collision, spicca sabiex titlef il-kontroll tal-vettura tiehu u habat mal-vettura tal-parte civile fuq in-naha tal-passiggier. Dan in-nuqqas da parti tal-vittma Ann Marie Gauci kienet ukoll tikkostitwixxi element kontributorju qawwi ghal dan is-sinistru;

39. Illi fl-istess vena, fil-kawza fl-ismijiet Alexander Bartolo vs Kalcidon Micallef inghad illi l-fatt li l-attur ma rnexxielux jevita kollizjoni ma ghandux jigi mehud kontra tieghu stante li huwa kien affcjat b'sudden emergency u mhux kull persuna f'mument tali tista' tagixxi bilfors b'mod perfett;

40. Illi tenut kont ta' dak kollu fuq premess, fil-fehma tal-esponent, jekk xejn, il-parte civile certament ikkontribwiet ghall-incident billi ostruwiet il-passagg tieghu. Ghaldaqstant, kif inghad fis-sentenza ccitata mill-esponent waqt it-trattazzjoni tal-kawza quddiem l-Ewwel Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija vs Carmel Mallia "dubju dettat mir-raguni dwar il-htija o meno tal-appellant ghandu jmur favur tieghu".

Ir-Raba' Aggravju – Il-Piena Manifestament Sproporzjonata

41. Minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, il-piena erogata hi manifestament sproporzjonata, partikolarment tenut kont tal-fatt illi l-Qorti tal-Prim' Istanza ma sabitx lill-esponent hati ta' sewqan perikoluz;

42. B'mod preliminari dwar it-tematika taht dan l-aggravju, jigu registrati s-segwenti punti li din il-Qorti hi mistiedna zzomm bhala bazi fl-impozizzjoni tal-piena fuq il-persuna tal-esponent;

43. Jirrizulta illi l-esponent kellu u ghad ghandu fedina penali netta. Inoltre, il-prosekuzzjoni m'argumentat xejn dwar il-piena li ghandha tigi nflitta jekk ikun hemm sejbien ta' htija fl-istess u rrimettiet ruhha.

44. Fis-sentenza taghha tal-1 ta' Frar, 2011 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Philip Pace, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, dwar il-piena, ikkunsidrat zewg fatturi ossia l-fedina penali kwazi ghal kollox netta kif ukoll l-element ta' kontributorjeta da parti tal-vittma, zewg fatturi li rrizultaw fil-proceduri odjerni. Ghalhekk, l-esponent sejjer jghaddi biex jelabora dwar din it-tema fejn ser jissenjala diversi sentenazi fejn ghalkemm l-akkuzi kienu identici ghal dawk odjerni, il-piena imposta kienet ferm inqas minn dik li nghatat mill-Ewwel Qorti;

45. Fis-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Raimonod Lauro moghtija fit-18 ta' Ottubru, 2013 u fl-ismijiet Il-Pulizija vs Ramona Fabri moghtija fis-17 ta' Mejju, 2013, il-Qorti kienet sabet lill-imputati hatja talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u/jew b'nuqqas ta' hila fis-sewqan u/jew nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku izda mhux b'sewqan

perikoluz, ikkagunaw griehi ta' natura gravi per durata u ghalhekk ikkundannathom multa ta' tmien mitt ewro (€800);

46. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Doriana Louisa Brincat moghtija fil-21 ta' Mejju, 2013, il-Qorti kienet sabet lill-imputata hatja talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u/jew b'nuqqas ta' hila fis-sewqan u/jew nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku ikkagunat griehi ta' natura gravi per durata u ghalhekk illiberatha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tmintax il-xahar mid-data tas-sentenza.

47. Fis-sentensza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Alfonso Abela, il-Qorti kienet sabet lill-imputat hati talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u/jew b'nuqqas ta' hila fis-sewqan u/jew nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku ikkagunat griehi ta' natura gravi per durata. Dik l-Onorabbli Qorti sabithu hati ta' sewqan b'manjiera traskurata, liema reat kkonsiderat li kien assorbit fl-imputazzjoni ta' feriti gravi involontarji u ghalhekk ikkundanatu ghall-multa ta' mitejn lira Maltin, illum ekwivalenti ghall-erba' mija hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87) u ghal sospensjoni tal-licenzja.

48. Fil-kawza fl-ismijiet il-Pulizija vs Noel Ellul, din l-Onorabbli Qorti sabet lill-imputat hati tal-akkuzi li saq b'manjiera traskurata, perikoluza, li naqas li jsuq fuq in-naha tax-xellug ta' triq u li waqt li kien qed isuq il-vettura qasam il-linja l-bajda kontinwa u li kkawza offizi ta' natura hafifa fuq il-vittmi tieghu u li kkaguna danni lill-istess u kkundannatu jhallas multa ta' hames mitt lira Maltin (Lm500), illum ekwivalenti ghall-elf mija u sittin ewro u tmeinja u sittin centezmu (€1164.68) u sospensjoni tal-licenzja.

49. Illi fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Maria Bezzina, din il-Qorti sabet lill-imputata hatja ta' sewqan traskurat u mmultata fl-ammont ta' mitejn u hamsin liri maltin (Lm250), illum ekwivalenti ghal hames mija u tnejn u tmenin ewro u erbgha u tletin centezmu (€582.34) u ghal sospensjoni tal-licenzja.

50. Illi fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Daniela Mercieca fejn l-imputat instabghet hatja talli fis-sieghat bikrin ta' filghodu b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew

b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, waqt li kienet qeghdha ssur vettura ikkagunat feriti ta' natura gravi fuq il-persuna. Il-Qorti kkundannat lill-imputata appellanta ghall-piena pekunjarja fl-ammont ta' multa ta' elf, mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sitting centezmu (€1164.68) u ordnat is-sospensjoni tal-licenzja.

51. Illi dwar is-sospensjoni tal-licenzja ssir riferenza ghall-kawza deciza nhar l-10 ta' Settembru, 2004 minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fl-ismijiet Il-Pulizija vs Andrew Palmier, fejn dik l-Onorabbli Qorti qieset illi l-appellant kellu fedina penali nettisma, bhal fil-kaz tal-appellant odjern, u li apparti minn hekk, ix-xoghol tal-appellant kien jinhtieg li jkollu licenzja tas-sewqan u ghaldaqstant sabet illi kellu jkun hemm tnaqqis fil-perjodu ta' skwalifika tal-licenzji tas-sewqan.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellant kien qed isuq il-vettura tieghu DRW 018 fit-telgha tas-Saqqajja mir-Rabat niezel lejn H'Attard fl-erbgha (4) ta' Dicembru tal-elfejn u ghaxra (2010) ghal habta tat-tlieta ta' filghodu (3.00 a.m.). issuq fil-parti opposta kien hemm il-parti civili Anne Marie Gauci illi kienet qieghda ssuq il-vettura JAH 925 tiela' fid-direzzjoni tar-Rabat. Xi distanza 'l fuq mir-roundabout ta' Haz-Zebbug sar l-incident fejn Gauci spiccat bi griehi ta' natura gravi. Iz-zewg vetturi sofrew hsarat konsiderevoli u l-appellant gie mressaq il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuzi ta' sewqan traskurat u bla kont u li ikkawza griehi gravi.

B'sentenza moghtija fit-tmintax (18) ta' Novembru tal-elfejn u tlettax (2013) (fol 88) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, minghajr l-addebitu ta' traskuragni kif jidher fl-ewwel imputazzjoni, ikkundannatu ghall-multa ta' tlett elef ewro (€ 3,000) u skwalifikatu milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal erba' gimghat.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell u l-ewwel aggravju tieghu kien illi l-ewwel Qorti donnha hadet xi inferenza negattiva ghall-fatt illi l-appellant ghazel illi ma jixhidx fil-kawza kontra tieghu. Di più, d-

dinaminka tal-incident jidher illi sar f'nofs tat-triq fejn allura z-zewg sewwieqa kellhom ikun responsabbli u mhux biss l-appellant kif iddecidiet l-ewwel Qorti.

Ikkunsidrat:

Ghal dak li jirrigwarda inferenza negattiva mis-silenzju tal-appellant, il-Qorti taghmel riferenza a fol 93 fejn il-Qorti ikkummentat dwar dan is-silenzju u kulma qalet kien biss "il-Qorti tinnota li l-imputat ma tax ix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, kif kellu kull dritt illi jaghmel stante li dawn huma proceduri kriminali kontra tieghu." Il-Qorti ghaddiet biex tikkummenta ukoll dwar l-istqarrija u hemmhekk ukoll l-appellant ghazel li ma jwegibx ghall-maggjor parti tad-domandi li sarulu u l-unika haga li setghet taghmel riferenza ghaliha bhala verzjoni tal-appellant kienet dik illi ta s-surgent li dak il-hin kien qed ihejji r-rapport tieghu. Imkien minn dan il-bran ma irrizulta xi inferenza negattiva ghall-fatt illi l-appellant iddecieda illi juza d-dritt tieghu tas-silenzju u zgur illi din il-Qorti mhix sejra ticcensura lill-Qorti tal-Magistrati ghal dan l-argument.

L-appellant però jppretenda illi l-ewwel Qorti kellha tiehu in konsiderazzjoni l-verzjoni moghtija minnu lis-surgent a tempo vergine waqt li kien qed jinvestiga dan l-incident, liema verzjoni tinsab a fol 22 tal-process. Din il-verzjoni hija fil-fatt l-okkorrenza illi ipprepara s-surgent wara l-investigazzjonijiet tieghu ta' dan l-akkadut. Issa, l-okkorrenza jew il-PIRS report hija prova ta' dak illi kiteb is-surgent imma mhix prova tal-kontenut taghha. Din trid tigi ikkonfermata bil-gurament, haga li f'dan il-kaz ma sarx u ghalhekk il-Qorti kellha quddiemha biss il-verzjoni tal-parti leza Anne Marie Gauci, li ma gietx kontradetta mill-appellant.

Hawnhekk il-Qorti trid taghmel osservazzjoni dwar ir-relazzjoni bejn dak li jissejjah "the legal burden" u dak li jissejjah "the evidential burden" kif giet hekk deskritta minn Sir Richard Eggleston fil-ktieb tieghu "Evidence, Proof and Probability" fejn intqal "it is often said that although the legal burden of proof remains throughout the trial where it was at the beginning, the evidential burden may shift from one party to the other. All this really means is that as a case proceeds, one party or the other will produce evidence, which if it remained unchallenged, would entitle the

party producing it to a decision in his favour. In this sense it can be said he shifted the burden of proof onto the other party (pp 91/92).” Ix-xhieda li tat Anne Marie Gauci hija prova li ma gietx “challenged” min-naha tal-appellant hlief ghar-riferenza ghall-isketch li tista' ukoll tkun konfort ghal dak illi qalet il-parti leza. Veru illi s-surgent pogga d-debris rizultanti ta' dan l-incident f'nofs it-triq u dan id-debris ghandu jservi bhala prova indizjarja, li però, biex ikun konklussiv, u jkun ta' konfort ghat-tezi tal-appellant irid iwassal ghall-konkluzjoni wahda u wahda biss u cioé illi kienet Anne Marie Gauci illi invadiet il-karreggjata tal-appellant. Bir-rispett, din il-Qorti ma jidhrilhiex illi dan id-debris f'nofs it-triq iwassal biss ghal din il-konkluzjoni ghax jista' ukoll iwassal ghall-konkluzjoni illi kien l-appellant illi invada l-karregjata ta' Gauci. Ghalhekk, bid-debris biss ma tistax tasal ghall-konkluzjoni illi dan l-incident gara tort tal-parti leza. U l-unika prova diretta u konkreta li kellha l-ewwel Qorti kif ghandha ukoll din il-Qorti hija x-xhieda guramentata moghtija minn Gauci, f'liema kaz din il-Qorti ukoll tasal ghall-konkluzjoni illi tinkwadra mad-dinamika tal-incident kif spjegat l-istess Gauci.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi tiddisturba din il-konkluzjoni.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena, l-Qorti tirrileva illi l-piena qieghda fil-parametri tal-ligi u ma hemm xejn x'jindika illi kellha tkun anqas minn dak erogat mill-ewwel Qorti. Ghalhekk hawnhekk ukoll il-Qorti mhix sejra tiddisturba din id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Magistrati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------